# CIVIL COURT
## (Sezzjoni Familja)

## Onor. Imhallef
## ROBERT G. MANGION

**Illum, 12 ta' Dicembru, 2018**

**Kawza Nru. 66/14 RGM**

Kawza fil-lista: 1

**A C**

**Vs.**

**B D**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A C li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet jinsabu separati legalment permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet '*'A D pro et noe vs B D*'' (Cit. Nru. 422/02 NC) **(Dok A)** liema sentenza giet sussegwentement modifikata permezz ta' att notarili ta' transazzjoni datat 7 ta' Mejju 2010 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri debitament awtorizzat mill-Qorti **(Dok B)**.

2. Illi miz-zwieg bejn il-partijiet kien hem zewgt itfal u cioe E li twieled fid-29 ta' Dicembru 1990 u F li twieled fit-3 ta' Frar 1997.

3. Illi stante li s-separazzjoni bejn il-partijiet giet konkluza fis-sena 2010, kien ghadu ma giex promulgat l-Att XIV tas-sena 2011 li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2011 introduca l-

obbligu fuq il-konvenut li *ope legis* ihallas manteniment ghat-tfal fil-kaz li dawn jibqghu jsegwu l-istudji *full time* wara li jsiru maggorenni.

4. Illi t-tifel E D, fl-1 ta' Ottubru 2011 kien maggorenni u baqa' jsegwi l-istudji tieghu *full time* sat-30 ta' Gunju 2012. Cioe nonostante, il-konvenut irrifjuta li jhallas manteniment ghal dan it-tifel ghal perjodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Gunju 2012 peress li rritjena li ma kienx obbligat jaghmel hekk skont it-termini tas-separazzjoni.

5. Illi fir-rigward tat-tifel l-iehor F D li jsir maggorenni fit-3 ta' Frar 2015, il-konvenut irrifjuta li jersaq ghal ftehim anke occorrendo b'modifika tas-separazzjoni personali sabiex ai termini tal-Att XIV tas-sena 2011, huwa jobbliga ruhu li jhallas manteniment lill-attrici minhabba l-imsemmi tifel f'kaz li dan, meta jsir maggorenni, ikompli bl-istudji tieghi fit-terminu ta' dak l-Att u tal-artikolu 3B tal-Kodici Civili sal-massimu ta' meta t-tifel jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena.

6. Illi d-disposizzjonijiet tal-Att XIV tas-sena 2011 huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk, minn mindu dahal fis-sehh l-istess Att fl-1 ta' Ottubru 2011, ghandhom sahha u effett fuq kull ftehim ta' separazzjoni konkluz qabel dik id-data.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>

1. Peress illi l-partijiet jinsabu separati legalment permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet '*'A D pro et noe vs B D''* (Cit. Nru. 422/02 NC) (**Dok A**) liema sentenza giet sussegwentement modifikata permess ta' att notarili ta' transazzjoni datat 7 ta' Mejju 2010 fl-atti tan-nutar Liza Camilleri (**Dok B**).

2. Peress illi miz-zwieg bejn il-partijiet kien hemm zewgt itfal u cioe E li twieled fid-29 ta' Dicembru 1990 u F li twieled fit-3 ta' Frar 1997.

3. Peress illi stante li s-separazzjoni bejn il-partijiet giet konkluza fis-sena 2010, kien ghadu ma giex promulgat l-Att XIV tas-sena 2011 li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2011 introduca l-obbligu fuq il-konvenut li *ope legis* jhallas manteniment ghat-tfal fil-kaz li dawn jinqghu jsegwu l-istudji *full time* wara li jsiru maggorenni (illum artikolu 3B tal-Kodici Civili).

4. Peress illi t-tifel E D, fl-1 ta' Ottubru 2011 kien maggorenni u baqa' jsegwi l-istudji tieghu full time sat-30 ta' Gunju 2012. Cioe nonostante, il-konvenut irrifjuta li jhallas manteniment ghal dan it-tifel ghal pejodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Gunju 2012 peress li rritjena li ma kienx obbligat jaghmel hekk skont it-termini tas-separazzjoni.

5. Peress illi fir-rigward tat-tifel l-iehor F D li jsir maggorenni fit-3 ta' Frar 2015, il-konvenut irrifjuta li jersaq ghal ftehim anke occorrendo b'modifika tas-separazzjoni personali sabiex ai termini tal-Att XIV tas-sena 2011, huwa jobbliga ruhu li jhallas manteniment lill-attrici minhabba l-imsemmi tifel f'kaz li dan, meta jsir maggorenni, ikompli bl-istudji tieghu fit-termini ta' dak l-Att u tal-artikolu 3B tal-Kodici Civili sal-massimu ta' meta t-tifel jaghlaq tlieta u ghoxrin (23) sena.

6. Peress illi d-disposizzjonijiet tal-Att XIV tas-sena 2011 huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk, minn mindu gie dahal in vigore l-istess Att fl-1 ta' Ottubru 2011, ghandhom sahha u effett fuq kull ftehim ta' separazzjoni konkluz qabel dik id-data.

Peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza fir-rigward tat-tifel E D bid-digrieti hawn annessi mmarkati Dok C, D u E u fir-rigward ta' F D bid-digrieti hawn annessi mmarkata Dok F, G u H.

TALBIET

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li d-disposizzjonijiet tal-Att XIV tas-sena 2011 huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ghandhom forza u effett legali fuq il-konvenut nonostante t-termini ta' separazzjoni personali pattwiti bejn il-partijiet qabel il-promulgazzjoni tal-imsemmi Att.

2. Tillikwida l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici minhabba li t-tifel tal-partijiet E D kompla bl-istudji tieghu full time ghall-perijodu mill-1 ta' Ottubru 2011 sat-30 ta' Gunju 2012.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont likwidat.

4. Tiffissa minn issa l-manteniment rikorrenti li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fir-rigward tat-tifel F D fl-eventwalita' li l-imsemmi tifel ikompli bl-istudji tieghu full time wara li jsir maggorenni fit-3 ta' Frar 2015 sal-massimu ta' meta jaghlaq 23 sena jew qabel kif previst fl-imsemmi Att XIV tas-sena 2011 inkorporat fl-artikolu 3B tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut B D li permezz taghha qed jopponi ghat-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Dwar l-ewwel Talba huwa eccepit;

a. Din it-talba hija skorretta u rrilevanti. Hija skorretta ghaliex skont il-gurisprudenza l-precetti tal-ordni pubbliku ma jigux ikkreati mil-lum ghal ghada permezz ta' legislazzjoni. Hija rrilevanti ghaliex il-materja dwar jekk Ligi tghoddx jew le b'effett retroattiv huwa definit mill-ezistenza ta' disposizzjonijiet tranzitorji fl-istess Ligi. L-Att XIV tal-2011 ma fih ebda dispozizzjoni tranzitorja.

b. Illi anke kieku huwa korrett l-argument illi dak depost fl-Att XIV tal-2011 jghodd biex ibiddel dak miftiehem bejn il-mizzewgin u ma jghoddux biex ibiddel dak deciz u ordnat f'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti. Jigi rilevat illi l-materja ta' manteniment giet l-ewwel deciza mill-Qorti u dak deciz mill-Qorti kien gie- pendenti l-appell ta' dik is-sentenza- modifikat bi stipulazzjonijiet kontrattati mill-kontendenti.

c. Illi ghal dak li jirrigwarda l-istipulazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet, jigi eccepit illi fid-dritt u fil-gurisprudenza fil-materja ta' kompromess ossija transazzjoni l-estenzjoni tad-drittijiet tal-partijiet huma rrilevanti. Evalutat mod iehor, l-implikazzjoni tkun tinvolvi l-vjolazzjoni *ex lege* tal-principju *pacta sunt servanda* u s-sostituzzjoni tal-istipulazzjonijiet tal-partijiet b'impozizzjonijiet gudizzjarji.

2. Dwar it-tieni u t-tielet Talba huma eccepiti l-eccezzjonijiet imressqa ghall-ewwel talba u b'zieda maghhom huwa wkoll eccepit;

a. Illi l-attrici ma ghandhiex il-jedd illi titlob il-hlas ta' manteniment ghall-htigijiet tat-tifel E, illi huwa *sui juris* ghaz-zmien illi l-istess E kien maggiorenni. Dak il-jedd jispetta biss lil imsemmi E.

b. Illi safejn id-dritt tal-azzjoni tispetta lill-attrici- konkluzjoni ovvja derivat mill-istatus taghha ta' attrici f'dawn il-proceduri – id-drittijiet tal-attrici gew definittivament tranzatti permezz tal-kuntratt imsemmi minnha f'dawn il-proceduri.

c. Illi anke kieku stess l-attrici setghet tistitwixxi dawn il-proceduri, dak stabbilit fis-sentenza ta' separazzjoni u fil-kuntratt ta' separazzjoni ma jistghux jigi estizi awtomatikament ghar-rapport gjuridiku gdid ikreat bejn it-tifel E u l-esponent izda l-manteniment talvolta pagabbli mill-eccipjent ghandu jigi likwidat *de novo* b'riferiment mhux biss ghall-mezzi taz-zewg genituri u l-htigijiet tat-tifel izda wkoll wara li jigi stabbilit illi l-elementi rikjesti mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3B(2) *et seq* effettivament jezistu.

d. Jekk jigi ezaminat il-kuntratt ta' bejn il-kontendenti jirrizulta illi huma pprovdew ghal dak li ghandu jigri hekk kif it-tifel jaghlaq tmintax-il sena. B'implikazzjoni ossija b'eskluzjoni, l-obbligu tal-manteniment tat-tifel wara li jaghlaq tmintax-il sena jiggrava lill-attrici.

3. Dwar ir-raba' talba huma eccepiti l-eccezzjonijiet imressqa ghat-talbiet l-ohra u b'zieda maghhom huwa wkoll eccepit;

a. Illi l-attrici ma ghandhiex il-jedd illi titlob il-hlas ta' manteniment ghall-htigijiet tat-tifel F, ghaz-zmien meta huwa jkun *sui juris*. Dak il-jedd jispetta biss lill-imsemmi F.

b. Illi inoltre billi l-jedd talvolta possedut -jew ahjar illi jista' jigi possedut-huwa kontra z-zewg genituri, huwa kontrosens illi genitur minnhom ikun attur ghaliex fil-konfront ukoll ta' dik il-genitur irid jigi likwidat u ordnat il-manteniment.

c. Illi safejn id-dritt tal-azzjoni tispetta lill-attrici- konkluzjoni ovvja derivat mill-status taghha ta' attrici f'dawn il-proceduri -id-drittijiet tal-attrici gew definittivament tranzatti permezz tal-kuntratt imsemmi minnha f'dawn il-proceduri.

d. Illi anke kieku stess l-attrici setghet tistitwixxi dawn il-proceduri, it-talba kif impostata ma tistax timxi ghaliex il-manteniment ikun pagabbli biss jekk l-imsemmi F ikun matul il-maggior eta` tieghu, ma jkunux ragonevolment possibbli ghalih illi jmantni lilu nnifsu u qieghed jippartecipa f'edukazzjoni jew tahrig *full time*. Dawn il-kondizzjonijiet ma jistghux jigu stabbiliti preventivament ghal hames snin minn sena qabel.

e. Illi d-dikjarazzjoni tal-attrici *''Illi l-partijiet ma fthemu xejn dwar il-manteniment tat-tifel...E...fl-eventwalita`....''* hija korretta u propju ghaliex il-partijiet ma fthemu xejn it-talbiet attrici mhumiex sostenibbli. F'dan ir-rigward huwa rilevat inoltre illi;

i) Illi l-partijiet ma fthemux ir-retta alimentarja pagabbli mill-esponent lill-attrici. Dik ir-retta giet ordnata mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha tal-24 ta' Frar 2009.

ii) Illi l-imsemmija sentenza ma pprovdiet xejn dwar il-manteniment tal-imsemmi tifel E ghaliex fl-epoka meta giet maqtugha dik is-sentenza, E kien ghalaq tmintax-il sena.

Semghat ix-xhieda u ezaminat il-provi prodotti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici.[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.[2]

Semghat it-trattazzjoni finali orali tal-abbli avukati tal-partijiet.[3]

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**FATTI ANTECEDENTI L-KAWZA**.

Il-partijiet kienu zzewgu fis-sena 1990. Minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied imwielda fis-sena 1990 u fis-sena 1997 rispettivament. Huma sseparaw legalment b'sentenza tal-24 ta' Frar 2009[4] li minnha kien gie ntavolat appell. Fil-mori ta' dak l-appell il-partijiet resqu fuq kuntratt ta' transazzjoni ppubblikat fis-7 ta' Mejju 2010[5] min-Nutar Dr Liza Camilleri u l-appell gie eventwalment cedut.

---

[1] Fol. 495
[2] Fol. 507
[3] Fol. 519
[4] Fol. 6
[5] Fol. 42

Fil-kuntratt imsemmi intitolat espressament "Transazzjoni", l-partijiet ippremettew u ddikjaraw is-segwenti:-

1. Illi huma zzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elf disa mija u disghin (1990) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, E illi llum huwa maggiorenni u l-minuri F illi twieled fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997).
2. Illi fil-kors taz-zwieg taghhom, il-Partijiet dahlu f'konvenju mal-Awtorita` tad-djar sabiex tigi koncess lilhom b'titolu ta' emfitwesi perpetwa, l-art gewwa s-Swatar, l-Imsida deskritta hawn aktar 'l isfel, bil-kondizzjoni illi fuq l-imsemmija porzjoni ta' art huma jibnu d-dar konjugali taghhom u bl-intendiment illi anke minn qabel il-koncessjoni definittiva, huma kellhom il-fakolta` illi jwettqu l-imsemmija xoghlijiet ta' bini u jghixu fid-dar hemm mibnija.
3. Illi l-Partijiet ipprevalew ruhhom minn dan id-dritt u bnew id-dar konjugali taghhom fl-imsemmija porzjoni ta' art u stabbilew ir-residenza taghhom fid-dar hekk minnhom mibnija.
4. Illi nqala dizgwid bejn il-konjugi Partijiet illi wassal sabiex giet istwita mill-mara kontra r-ragel il-kawza bin-numru erbgha tnejn tnejn tas-sena elfejn u tnejn (422/2002) fl-ismijiet A D vs B D fil-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, gja l-Prim Awla tal-Qorti Civili.
5. Illi fil-mori tal-imsemmija kawza, il-Partijiet kienu xtraw u akkwistaw l-emfitewsi perpetwa tal-fond gewwa l-Imsida, gja d-dar konjugali, deskritt ahjar aktar 'l isfel f'dana l-att u dan bis-sahha ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u dakinhar stess, ukoll b'att ippublikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia, kienu fdew ic-cens gravanti l-istess fond.
6. Illi l-imsemmija Qorti Civili, Sezzjoni Familja, iddecidiet din il-kawza b'sentenza moghtija minnha fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009), imsejha f'sentenza f'dana l-att.
7. Illi l-mara appellat mis-sentenza u ghalhekk il-kawza qieghda llum pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.
8. Illi sadanittant iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null b'sentenza moghtija mit-Tribunal Eklesjastiku u b'digriet moghti fid-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti tal-Appell ordnat ir-registrazzjoni tas-sentenza hekk moghtija mit-Tribunal Eklesjastiku.
9. Illi fil-mori tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja u l-pendenza tas-smigh tal-appell interpost mill-mara, il-partijiet qablu illi jirregolaw is-separazzjoni taghhom permezz ta' dan il-kuntratt illi fil-kontenut tieghu jvarja uhud mill-kapijiet decizi fis-sentenza.
10. Illi huma gew awtorizzati jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' dana l-att b'digriet moghti mill-Qorti tal-Appell fit-tletin (30) t'April, tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Imbaghad ghaddew sabiex jifthemu dwar diversi aspetti tal-litigju pendenti bejniethom fl-istadju tal-Appell, sew f'dak li jirrigwarda l-aspett strettament patrimonjali kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-ulied il-partijiet.

Fir-rigward tal-ulied stipulaw kif gej:-

2. Illi l-Partijiet qeghdin jikkonfermaw dak deciz fis-sentenza dwar il-minuri F fis-sezzjoni ‘’Kura u Kustodja’’ tas-sentenza inkluz l-affidament lill-mara tal-kura u kustodja tal-minuri F u l-access moghti lill-missier u jiddikjaraw illi dak hekk ordnat jorbothom minghajr varjazzjoni.

3. Illi l-Partijiet qeghdin jikkonfermaw dak deciz fis-sentenza dwar il-minuri F fis-sezzjoni ‘’Manteniment’’, salv safejn dak deciz huwa varjat bis-sahha ta’ dana l-att u jiddikjaraw illi dak hekk ordnat, kif varjat bis-sahha ta’ dan l-att, ghandu jibqa’ jorbothom. Il-Partijiet qeghdin ivarjaw dak ordnat fis-sentenza f’dan ir-rigward bil-mod segwenti;-

i) B’zieda ma’ dak ordnat fl-istess sentenza u dejjem in linea ta’ transazzjoni, ir-ragel jobbliga ruhu illi jhallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-minuri F u dan sakemm l-istess minuri jaghlaq l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm l-istess tifel ikollu impjieg *full time* skont liema wahda minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruhha l-ewwel.

ii) L-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari jibqghu pagabbli mill-Partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom, kif deciz fis-sentenza.

iii) L-ispejjez medici ordinarji tal-minuri jithallsu mill-mara, filwaqt li dawk straordinarji jithallsu mill-Partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom kif deciz fis-sentenza.

iv) Illi ghal kull buon fini u ai termini ta’ dak deciz fis-sentenza li l-manteniment ghandu jigi rivedut kull sena skont l-gholi tal-hajja, il-partijiet qeghdin jaqblu li, b’effett mill-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Frar tas-sena kurrenti, il-manteniment deciz fis-sentenza ammontanti ghal mija u seba’ u sittin euro (€167) pagabbli kull erba’ gimghat, sar mija u erba’ u sebghin euro u tnax-il centezmu (€174.12).

4. Illi fir-rigward tat-tifel illum maggorenni E, b’zieda ma’ dak deciz fis-sentenza, il-Partijiet qeghdin jaqblu s-segwenti:

i) Ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jhallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tat-tifel E u dan sakemm l-istess tifel jaghlaq l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm l-istess tifel ikollu impjieg *full time* skont liema wahda minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruhha l-ewwel.

ii) L-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-imsemmi tifel jibqghu pagabbli mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

iii) L-ispejjez medici ordinarji tal-istess tifel jithallsu mill-mara, filwaqt illi dawk straordinarji jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

5. Illi b'riferenza ghall-obbligi ta' hlas dapparti tar-ragel imsemmija fil-klawsoli tlieta (3) u erba' (4) ta' dan l-att, tali hlasijiet dovuti eventwalment in rifusjoni mir-ragel lill-mara ghandu jsir mhux iktar tard mill-ahhar gurnata ta' kull xahar li fihom ir-ragel ikun inghata kopji tal-ircevuti relattivi u fin-nuqqas jibda jiddekorri awtomatikament imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ahhar gurnata ta' dak ix-xahar li fih il-hlas kien dovut bir-rizerva tad-dritt li l-mara tipprocedi gudizzjarjament kontra r-ragel minghajr il-bzonn ta' preavviz lilu jew interpellazzjoni.

Gara illi fid-29 ta' Lulju 2011 gie promugat l-Att XIV tas-sena 2011 li emenda l-Kodici Civili b'effett mill-1 ta' Ottubru 2011. Il-qofol ta' dan l-Att kien l-introduzzjoni fid-dritt Malti tad-divorzju. L-istess Att pero' kien jinkludi diversi emendi ohra ghall-Kodici Civili fosthom emenda ghall-Artikolu 3B tal-Kodici Civili.

Qabel il-promulgazzjoni tal-Att XIV tas-sena 2011 **Artikolu 3B tal-Kodici Civili** kien jaqra fl-intier tieghu kif gej:-

***"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."***

Dak l-Artikolu 3B kien gie introdott fil-Kodici Civili bl-Att XXI tas-sena 1993.

Permezz tal-Att XIV tal-2011 dak gia' fl-Artikolu 3B sar sub-inciz 1 u zdiedu s-segwenti sub-incizi:-

***2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:***

***(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew***

*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lill-persuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII tal-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf:*

*Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għall-obbligi tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*"

L-attrici qed tikkontendi illi mad-dhul fis-sehh tal-emenda ghall-Artikolu 3B appena citat, emenda li skond l-attrici hija ta' ordni pubbliku, tnissel fl-attrici d-dritt illi titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha manteniment ghaz-zewg ulied li jirrisjedu maghha ghaz-zmien li jkunu maggorenni izda taht it-tlieta u ghoxrien sena u jkunu studenti *full-time* u dan oltre dak provdut bis-sentenza u bil-kuntratt ta' transazzjoni fuq imsemmija.

Il-konvenut qed jopponi ghal din it-talba ghaliex isostni fost l-ohrajn illi tali emenda ma hiex ta' ordni pubbliku filwaqt li invoka l-eccezzjoni "pacta sunt servanda" in vista tal-kuntratt ta' transazzjoni tas-7 ta' Mejju 2010.

**ORDNI PUBBLIKU**.

Hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar jekk l-emenda ghall-Artikolu 3B tal-Kodici Civili introdotta bl-Att XIV tas-sena 2011 hiex ta' ordni pubbliku.

Necessarju ghalhekk illi jigi ezaminat x'jaghmel provvediment legali ta' ordni pubbliku u f'kaz affermattiv x'inhuma l-effetti tieghu a differenza ta' provvedimenti legali ohra li ma humiex ta' ordni pubbliku.

L-aktar ligi li tigi deskritta bhala ligi ta' ordni pubbliku hija l-ligi tal-procedura u dan peress illi Artikolu 1009 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiprovdi illi:-

***"Kull uzu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici m'ghandux ikollhom effett".***

Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Anthony Cutajar et vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et** tat-2 ta' Marzu 2018: "Tabilhaqq il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u ghalhekk, jekk provvediment tal-ligi jippreskrivi certu regoli, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."

Similment gie dikjarat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Mid-Med Bank Malta plc vs. Socjeta' Powercrete Limited et.** deciza fit-13 ta' April 2018:

"..... kif ritenut pacifikatament fil-gurisprudenza nostrana, ir-regoli procedurali huma ta' ordni pubbliku u ghandhom jigu segwiti ad unguem."

L-isttess fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**" moghtija fis-6 ta' Ottubru 1999: "Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi

jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta’ forma jew ta’ kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita.”

Rilevanti fir-rigward ta' stipulazzjonijiet ta' ordni pubbliku hi s-sentenza fl-ismijiet "**Brian Richard et. vs. Alfred Borg"** [Citaz. Nru. 1723/1998 NC] moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru 2003

"Ftehim ikun kontra l-ordni pubbliku meta huwa kontra l-interess generali....Legislazione ta’ natura fiskali hi minnha nnifisha ta’ ordni pubbliku ghax hu prezunt li saret fl-interess komuni. " - [ **Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cushieri et** - Prim' Awla - citaz nru ....JSP]

“.......hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula b'kawza llecita u l-kawza hija llecita meta hija pprojbita mil-ligi jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali." **(Vol. XII.I.684).**

Aktar vicin lejn il-mertu tal-kawza odjerna huwa dak li l-Qorti tal-Appell irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet "**Alfred Grech vs Pauline Grech"** moghtija fis-16 ta' April 2004:-

*"Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b’talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta’ retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta’ l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta’ natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta’ l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f’kazi simili jista’ jkun hemm lok ghal varjazzjoni*. (sottolinear tal-Qorti).

Din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza "**Mireille Gabarretts vs Simon Gabarretta"** deciza fil-31 ta' Ottubru 2018 iddikjarat dan li gej dwar in-natura tal-ligi regolanti l-manteniment:

"In linea generali, f'kull kawza fejn it-talba hi ghall-varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, l-oneru tal-prova huwa gia' wiehed gholi. Meta l-varjazzjoni mitluba tirrigwarda l-obbligu tal-hlas tal-manteniment, meqjus bhala li jaqa' fil-kamp ta' l-ordni pubbliku, il-Qorti tqis li l-oneru tal-prova mehtieg ghas-success ta' azzjoni bhal dik odjerna, huwa wiehed massimu. Wara kollox, kif gie dikjarat fil-kawza diga` citata fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012:-

"*F'materja ta' hlas ta' manteniment in-nuqqas ta' parti li tezegwih jirrendiha soggetta ghas-sanzjonijiet kriminali, bil-possibilta' anke li tigi imposta fuqha piena karcerarja*".

Tant huwa minnu li l-ligijiet regolanti l-manteniment tal-ulied huma min-natura taghhom ta' ordni pubbliku illi ma jistghux zewg genituri jiftehmu illi hadd minnhom ma hu ser imantni lill-uliedu meta kapaci jaghmlu dan. Difatti hija gurisprudenza kostanti illi anke meta genitur m'ghandux impieg jew dhul adegwat iehor jibqa' bl-obbligu li b'xi mod jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-ulied. Meta l-obbligu tal-hlas ta' manteniment jigi stabbilit u ordnat b'sentenza jew b'digriet tal-Qorti jew pattwit b'kuntratt pubbliku, in-nuqqas ta' hlas ta' tali manteniment ordnat jew pattwit kapaci jwassal ghal sentenza ta' piena ta' habs effettiv. Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma illi l-ligijiet regolanti l-manteniment huma min-natura intrinsika taghhom ta' ordni pubbliku.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-ewwel parti tal-ewwel talba attrici hija fondata..

**PACTA SUNT SERVANDA**.

Il-konvenut jeccepixxi illi anke fl-eventwalita' li dak depost fl-Att XIV tal-2011 huwa ta' ordni pubbliku, il-fatt li l-partijiet, wara decizzjoni tal-Qorti appellata, resqu fuq kuntratt ta' transazzjonijiet dwar l-obbligi reciproci referibbli ghall-manteniment taz-zewg uliedhom, varjazzjoni mill-Qorti ta' dak stipulat bejn il-partijiet "tkun tinvolvi l-vjolazzjoni *ex lege* tal-principju *pacta sunt servanda u* s-sostituzzjoni tal-istipulazzjonijiet tal-partijiet b'imposizzjonijiet gudizzjarji."

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba l-attrici qeghda *inter alia* titlob varjazzjoni ta’ stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b’mod generali li dak pattwit f’kuntratt ta’ separazzjoni jew ta' transazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b’applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda*. Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz **tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16** li jiddisponi:-

“*(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi*”.

Fost ir-ragunijiet maghrufin mill-ligi hemm is-segwenti:-

**Artikolu 54(9) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-

“*(9) Meta jkun hemm tibdil li jiġri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli għall-manteniment jew il-bżonnijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista’, fuq it-talba ta’*

*kull waħda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skont il-każ.*

*Iżda, meta tkun tħallset somma globali jew tkun ingħatat proprjeta b'sodisfazzjon totali tal-obbligu ta' parti li tħallas manteniment lill-parti l-oħra, ir-responsabbilta kollha tal-ewwel parti għall-manteniment tat-tieni parti tieqaf. ...*"

**Artikolu 21(1) tal-Kodici Civili** li jiddisponi illi:-

"*Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa is-somma tal-manteniment, skond ma jkun il-kaz.*"

Jigi osservat illi fil-kaz ta' manteniment pattwit *ex contractu*, il-gurisprudenza l-aktar remota tal-qrati taghna kienet rigida fis-sens li kienet taghmilha prattikament impossibbli illi l-*quantum* ta' l-alimenti li jkun gie miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, jigi b'xi mod varjat. Biz-zmien, dik l-inflessibbilita' naqset u, in omagg ghall-principju *ad impossibilia nemo tenetur*, f'cirkostanzi eccezzjonali u meta jkun sar impossibbli fic-cirkostanzi godda li l-parti tonora l-obbligi kuntrattwali, il-qrati kkoncedew li jvarjaw stipulazzjonijiet kuntrattwali dwar manteniment. Fis-sentenza **Mary Vella vs Mario Vella**[6], il-Qorti ta' l-Appell osservat illi f'kaz ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kaz ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti.

[6] Deciza 11 ta' Jannar 1996.

B'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Grech vs. Pauline Grech**[7], filwaqt li gie affermat il-principju li l-kriterji ghal tibdil f'manteniment pattwit *ex contractu* ma baqghux daqshekk inflessibbli, dik il-Qorti abbracjat il-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza appena citata u ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet ulterjuri:-

"*Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni.*

*"Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn.*"

Iktar recentement, fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**[8], il-Qorti ta' l-Appell riteniet illi-

[7] Deciza 16 ta' April 2004.
[8] Deciza 30 ta' Novembru 2012.

"*Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu*". [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Saviour Galea vs Carmela Galea**, fejn il-Qorti ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar il-materja in dizamina kif ukoll referenza ghas-sentenza ***Vella vs Vella***[9] u ikkondividiet il-fehma ormai pacifika illi jekk jikkonkorru cirkostanzi ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' minn hu obbligat ghall-hlas tal-manteniment, li ipogguh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni tal-manteniment stipulat *ex contractu*.

Fis-sentenza **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012 gia' citata, ll-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-bilanc li jrid jinstab bejn il-principju fondamentali "pacta sunt servanda" u l-principju l-iehor daqstant imporanti "ad impossibilia nemo tenetur":

*"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizzjoni ta' manteniment pattwit, fil-waqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju 'ad impossibilia nemo tenetur', li jifforma r-'ratio legis' tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap 16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt*".

*Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni ta' l-obbligu tal-manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti li sehhew cirkostanzi supervenjenti ghall-kuntratt li huma serji u*

[9] Supra.

<u>eccezzjonali</u> *u li jinnecessitaw l-intervent tal-Qorti. Altrimenti, l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew ta' l-ulied, jigu soggetti ghal tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas tal-manteniment, dan ghandu jigi permess.*

Ghalkemm huwa minnu li "*....fl-interess suprem tal-minuri u ghal dak li jirrigwarda l-l-istess minuri pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali, il-Qorti tista' tiddipartixxi mill-principju legali pacta sunt servanda*" [**Angelle Bezzina vs Rudolph Aquilina** - Qorti tal-Appell - 30.09.2016], il-Qorti ma rriskontratx mill-provi akwiziti cirkostanzi supervenjenti ghall-kuntratt li huma serji u eccezzjonali li jinnecessitaw, fl-interess tal-minuri, l-intervent tal-Qorti.

Irid ukoll jinghad illi meta si tratta ta' ezami ta' kuntratt, jehtieg li l-istipulazzjonijiet kontrattwali fl-istess kuntratt jigu evalwati lkoll flimkien u mhux f'izolament klawsola minn ohra. Ma hux il-kompitu u lanqas permissibbli ghall-Qorti li tgharbel il-kuntratt tal-partijiet u tanalizza jekk il-partijiet setghux ghamlu l-kuntratt ahjar milli ghamluh. Lanqas huwa l-kompitu tal-Qorti li tezamina u tiddeciedi jekk stipulazzjoni setghatx tkun anqas oneruza milli fil-fatt il-partijiet ftehmu. Sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u eccezzjonali li ma kienux prevedibbli fil-mument tal-kuntratt, talba ghal revizzjoni tal-istipulazzjonijiet kontrattwali ghandha tigi rigettata.

Huwa minnu illi permezz tal-Att XIV tal-2011 twieled id-dritt ta' genitur ta' wild maggorenni ta' taht it-23 sena li jkun student full-time li jitlob lill-genitur l-iehor ghall-manteniment ta' tali wild maggorenni, pero' dan ma jfissirx illi qabel tali emenda l-partijiet kienu prekluzi milli jakkordaw fuq stipulazzjonijiet referibbli ghall-manteniment ta' ulied maggorenni li jkunu qed jirrisjedu ma' xi hadd mill-genituri. Tant hu minnu dan illi l-istess partijiet f'din il-kawza stipulaw fil-kuntratt ta' transazzjoni tas-7 ta' Mejju 2010 fir-rigward ta' binhom F li kien ghadu minorenni illi "ir-ragel jobbliga ruhu illi jhallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tal-minuri F u <u>dan sakemm l-istess minuri jaghlaq l-eta ta' tlieta</u>

u ghoxrien (23) sena jew sakemm l-istess tifel ikollu impieg full time skond liema wahda minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruhha l-ewwel". (sottolinear tal-Qorti).

Aktar minn hekk, fir-rigward tal-minuri E, li fiz-zmien il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' transazzjoni kien gia' maggorenni ftehmu kif gej:-

"i) Ir-ragel qieghed jobbliga ruhu li jhallas l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni tat-tifel E u dan sakemm l-istess tifel jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrien (23) sena jew sakemm l-istess tifel ikollu impieg *full time* skond liema wahda minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruhha l-ewwel.

ii) L-ispejjez tal-attivitajiet extra-kurrikulari ta' l-imsemmi tifel jibqghu pagabbli mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

iii) L-ispejjez medici ordinarji tal-istess tifel jithallsu mill-mara, filwaqt illi dawk straordinarji jithallsu mill-Partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom."

Kif appena konstatat, meta binhom kien gia' maggorenni u meta s-sub inciz 2 tal-Artikolu 3B tal-Kap. 16 kien ghadu ma giex promulgat il-partijiet ma sabu l-ebda impediment legali sabiex jirregolaw hlasijiet mill-missier lill-omm fl-interess ta' binhom gia' maggorenni. Huwa evidenti ghall-Qorti illi meta fis-7 ta' Mejju 2010 il-partijiet resqu fuq il-kuntratt li huma sejhu ta' transazzjoni, ma kien hemm l-ebda impediment legali illi b'zieda ma dak miftiehem dwar il-htigijiet ta' uliedhom sew minuri kif ukoll maggorenni, illi jiftehmu wkoll dwar hlasijiet ulterjuri. L-ispejjez relatati mal-edukazzjoni kif ukoll l-ispejjez relatati mal-kura medika tal-ulied huma parti integrali mill-kontribuzzjoni ta' genitur dwar manteniment tal-ulied. Il-partijiet ftehmu wkoll illi sakemm uliedhom maggorenni ma jkollhomx impieg *full time* allura kienu qed jintrabtu illi jibqghu ukoll ihallsu, nofs kull genitur, l-ispejjez relatati mal-attivitajiet extra kurrikulari ta' dak il-wild maggorenni. Minn qari akkurat tal-kuntratt in dizamina il-Qorti qed tifhem illi f'dak li jirrigwarda spejjez relatati ma' attivitajiet extra kurrikulari kif ukoll spejjez medici iz-zewg genituri stipulaw illi ser jibqghu jikkontribwixxu dwar uliedhom maggorenni li ma jkollhomx impieg full time minghajr ma stabbilew xi limitu ta' eta'.

In vista' ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed tqis bhala mhux fondata il-premessa tal-attrici illi kien l-Att XIV tal-2011 illi "introduca l-obbligu fuq il-konvenut li *ope legis* ihallas manteniment ghat-tfal fil-kaz li dawn jibqghu jsegwu l-istudji *full time* wara li jsiru magorenni".

In konkluzzjoni, il-Qorti tqis illi l-attrici ma sehhiliex tressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex tjikkonvinci lill-Qorti li sehhew cirkostanzi <u>supervenjenti</u> ghall-kuntratt li huma <u>serji u eccezzjonali</u> u li jinnecessitaw l-intervent tal-Qorti.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi,

1. Tilqa' in parte l-ewwel talba attrici u tiddikjara li d-disposizzjonijiet tal-Att XIV tas-sena 2011 huma ta' ordni pubbliku.

2. Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut msejsa fuq il-principju 'pacta sunt servanda' u tichad it-tieni parti tal-ewwel talba attrici.

3. Tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici.

Fic-cirkostanzi, minhabba n-novita' ta' diversi aspetti tal-vertenza mertu tal-kawza odjerna, l-Qorti qed tiddeciedi illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |